Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,395, 28 ta' April, 2020
Taqsima B

A.L. 162 tal-2020

ATT DWAR IS-SOSPENSJONI U L-INTERRUZZJONI TA' PERJODI TA' ŻMINIJIET LEGALI U OĦRAJN (KAP. 609)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali li japplikaw għas-Sospensjoni tal-Ħinijiet Legali u Ġudizzjarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar is-Sospensjoni u l-Interruzzjoni ta' Perjodi ta' Żminijiet Legali u Oħrajn, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali li japplikaw għas-Sospensjoni tal-Ħinijiet Legali u Ġudizzjarji, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehemu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali li japplikaw għas-Sospensjoni tal-Ħinijiet Legali u Ġudizzjarji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 141 tal-2020.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu:

(i) minnufih wara l-kelma "żmien", għandhom jiżdiedu l-kliem "li huwa affettwat minn jew b'xi mod ieħor soġġett għall-Ordni tal-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja:";

L.S. 465.19.

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kelma "perentorju;", għandha tiżdied il-kelma "u";

(iii) il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) dekredat jew b'xi mod ieħor ordnat minn kwalunkwe qorti;";

(iv) il-paragrafu (ċ) tiegħu, għandu jitħassar;.

(b) is-subregolamenti (2),(3) u (4) tiegħu, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3), (4) u (5) rispettivament u s-subregolament (5) preżenti tiegħu, għandu jiġi mħassar;

Verżjoni Elettronika

(ċ) minnufih wara s-subregolment (1) tiegħu, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jissospendu wkoll id-dekorrenza ta' kwalunkwe perjodu ta' żmien stabbilit f'kull ftehim (kemm jekk f'kitba privata jew f'att pubbliku), inkluż kull perjodu ta' żmien għat-twettiq ta' kwalunkwe obbligu stabbilit f'tali ftehim, jekk u sal-punt li l-Ordni tal-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja jkollha effett dirett fuq il-kapaċità ta' kwalunkwe parti li teżerċita d-drittijiet tagħha jew li twettaq l-obbligi tagħha taħt il-ftehim.";

L.S. 465.19.

(d) is-subregolament (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Kull perjodu ta' żmien sospiż skont is-subregolament (2), għandu jibqa' sospiż sal-għoxrin (20) jum sussegwenti għat-tħassir tal-imsemmija ordni tas-Suprintendent u sussegwentement għandu jkompli jiddekorri."; u

(e) is-subregolament (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "Għall-evitar ta' dubji, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (1), is-sospensjoni fis-subregolament (1) għandha tapplika għal kull wieħed minn dawn li ġejjin:", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Għall-evitar ta' dubji, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament (2), is-sospensjoni fis-subregolament (2) u l-perjodu ta' sospensjoni msemmi fis-subregolament (4), għandhom japplikaw għal kull wieħed minn dawn li ġejjin:"; u

(ii) il-paragrafu (e) tiegħu, għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu li ġej:

"(e) id-dekorrenza taż-żmien fir-rigward tal-iskadenza ta' kwalunkwe konvenju reġistrat".

Żieda ta' regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Sopensjoni.

5. Is-sospensjoni stabbilita permezz ta' dawn ir-regolamenti u l-effetti tagħha għandhom jitqiesu li bdew jiddekorru mis-16 ta' Marzu 2020.".